**10 ta' Marzu, 1961**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

Maria Teresa Cini

*versus*

Antonietta Galea et.

**Fedekommess — Abolizzjoni — Art. 3 tal-Att XII tal-1950**

*Bis-saħħa tal-liġi promulgata fis-sena 1950 dwar l-abolizzjoni tal-fedekommessi, Att Nru. XII tal-1950, mill-5 ta' Mejju 1950 il-quddiem il-ġid li kien marbut f'fedekommess dividwu sar tal-possessur ta' dak il-ġid ħieles minn kull xkiel; u dak il-possessur seta' jiddisponi minnu liberament.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attriċi, wara li ppremettiet illi b'testment riċevut fl-atti tan-Nutar Giuseppe Caruana fil-25 ta' Lulju 1824 is-Saċerdot Don Antonio Gusmano innomina u istitwixxa eredi universali użufruttwarju tiegħu lil Emmanuele Souchett, neputi tiegħu, bin il-mejtin Giuseppe u Maria, oħt it-testatur, u wliedu leġittimi u naturali jekk ikun hemm, u d-dixxendenti "in infinitum" fl-ordni suċċessiv, u ordna, fost affarijiet oħra, li l-bini komponenti l-eredità tiegħu jkun assoġġettat "in perpetuum" għal fedekommess (dok. A); u billi l-beni kollha soġġetti għal dan il-fedekommess ippervenew lid-dixxen-

denti Ermelinda Napolitano Souchett, bint Rosa Maria Souchett u ġa mart Nicola Decelis, u neputija tal-imsemmi Emmanuele Souchett; u billi l-imsemmija Ermelinda Decelis Souchett mietet bla tfal fl-14 ta' Frar 1955 (dok. G), b'żewġ testmenti riċevuti rispettivament minn Nutar Emmanuele Agius fl-20 ta' Ottubru 1947 u fl-4 ta' Ottubru 1950 (dok. B u C), fejn ħalliet eredi universali tagħha lill-konvenuta Antonietta Galea, u fejn ħalliet, fost oħrajn, xi legati lill-konvenuti Portanier; u billi l-imsemmi fedekommess huwa individwu, u għalhekk nofs il-beni soġġetti għalieh, skond id-dispożizzjoni tal-art. 3(a) tal-Att No. XII tas-sena 1950, ikun konsegwibbli mill-konvenuta Galea, fil-waqt li n-nofs l-ieħor isir ta' proprijetà tal-attriċi, billi l-attriċi hija l-unika waħda ntitolata li tikkonsegwixxi nofs dan il-fedekommess (dok. H); u billi b'rikors preżentat quddiem is-Sekond'Awla ta' din il-Qorti fil-11 ta' Settembru 1957 (dok. D) l-attriċi talbet il-ftuħ tas-suċċessjoni f'nofs il-beni komponenti l-fedekommess fuq riferit favur tagħha, u okkorrendo li jiġi dikjarat li hija l-unika persuna superstiti ntitolata għalieh; u billi l-konvenuti opponew ruħhom (dok. E u F), l-imsemmija Qorti tas-Sekond'Awla irrimettiet il-partijiet fil-kontenzjus b'digriet tal-24 ta' Marzu 1958; talbet (1) li jiġi dikjarat u deċiż li l-fedekommess fondat mis-Saċerdot Don Antonio Gusmano bit-testment fuq riferit huwa ta' natura individwa; (2) u konsegwentement l-attriċi tiġi dikjarata bħala unika vokata superstiti għall-konsegwiment ta' nofs il-beni formanti l-istess fedekommess libera minn kull xkiel, għat-tenur tal-art. 3(a) tal-att fuq ċitat; (3) u okkorrendo, is-suċċessjoni rigward nofs il-beni komponenti l-imsemmi fedekommess tkun dikjarata miftuħa favur l-attriċi; (4) il-beni komponenti l-istess fedekommess jiġu likwidati u maqsuma f'żewġ porzjonijiet indaqs, u waħda minnhom tiġi assenjata lill-attriċi u l-oħra lill-konvenuta Antonietta Galea: (5) u jiġu nominati perit biex jagħmel l-imsemmija likwidazzjoni u diviżjoni, nutar biex jippublika l-att relattiv, u kuraturi biex jirrappreżentaw il-kontumaċi. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-proċedura quddiem is-Sekond'Awla ta' din il-Qorti fuq indikata, kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-perit legali, fl-imsemmija relazzjoni tiegħu, issottometta li l-fedekommess "de quo" għandu jiġi kunsidrat bħala dividwu; bil-konsegwenza illi, skond l-art. 3 tal-Att XII tal-1950 (indipendentement mill-fatt jekk il-beni in kwistjoni kienux ġa saru liberi jew le), 'mill-jum li jgħodd', kif jingħad f'dak l-artikolu, ċjoè mill-5 ta' Mejju 1950, il-ġid sa dak inhar marbut bil-fedekommess sar tal-possessur ta' dak il-ġid (ċjoè ta' Ermelinda Decelis) ħieles minn kull xkiel; u li allura, in vista tal-entrata in vigore ta' din il-liġi, dak li ġie stabbilit fis-sentenza tas-"Supremo Consiglio di Giustizia" tal-4 ta' Settembru 1832 (fol. 39) għar-rigward ta' min kellu jkun vokat għall-istabili ta' Don Antonio Gusmano, wara li spiċċat il-linja dixxendentali ta' Emmanuele Souchett ma setgħax iseħħ; u li hekk Ermelinda Decelis, li kienet il-posseditriċi ta' dawk l-istabili, setgħet liberament tiddisponi minnhom kif għamlet; u illi, għaldaqstant, l-attriċi mhix vokata għall-konsegwiment ta' nofs il-beni soġġetti għall-fedekommess in kwistjoni, kif hemm stabbilit fl-art. 3 (c) tal-Att fuq riferit; u li għal-hekk is-suċċessjoni. għar-rigward ta' dan in-nofs, ma għandiex tkun dikjarata miftuħa favur l-attriċi, u ma hemmx lok għall-likwidazzjoni u diviżjoni mitlubin fir-raba' domanda taċ-ċitazzjoni;

Illi l-Qorti. wara li eżaminat ir-riżultanzi proċesswali. taqbel mal-konklużjonijiet raġġunti mill-perit u tagħmel tagħha r-raġunamenti li fuqhom jinsabu bażati; u tkompli tosserva illi d-distinzjoni magħmula mill-attriċi bejn fedekommess individwu u primoġenitura ma tbiddelx il-pożizzjoni ġuridika derivanti mit-testment "de quo"; għaliex. anki fil-każ ta' sempliċi fedekommess individwu, jibqa' dejjem veru illi l-beni vinkolati għandhom jiddevolvu lil persuna waħda biss. Rigward. mbgħad il-"fiduċja" kontenuta fil-fondazzjoni (fol. 11 u 12), ma jistgħax ikollha l-forza li tirrendi l-fedekommess individwu; għaliex. apparti dak li ssottometta l-perit legali din kienet intiża biex tirrendi perpetwu l-fedekommess. kontra d-divjet tal-liġi allura imperanti, li kienet illimitatu u rriduċietu għal erbgħa gradi biss, salva r-renova għal erbgħa gradi oħra, li ma ġietx pruvata (Kod. Muniċipali, Lib. IV, Cap. II, art.

IV u VI). Huwa, mbgħad, magħruf illi fid-dubju l-fedekommess ma għandux jiġi preżunt bħala dividwu. "In dubio", skond Richeri, "pro fideicommisso potius quam pro primogenio reputandum videtur, quia consanguinei omnes eiusdem gradus aeque praesumuntur a testatore dilecti" ("Jurisprudentia Universalis", Vol. II, § 10, 439). U f'dan is-sens hija wkoll il-ġurisprudenza ta' din il-Qorti (Kollez. XIII, paġ. 410; u "Dr. Antonio Caruana versus Dr. Borg Costanzi ne.", deċiża fis-7 ta' Mejju 1955);

Konsegwentement, ladarba l-fedekommess mhux individwu, l-attriċi ma tistgħax tinvoka favur tagħha l-benefiċċju tal-Att XII tal-1950;

Illi, anki fl-ipotesi li l-fedekommess kien individwu, il-pretensjoni tal-attriċi tibqa' nsostenibbli; għaliex id-divjet introdott mill-Kodiċi De Rohan ma jiddistingwix bejn il-fedekommessi dividwi u individwi. u għalhekk dak d-divjet jolqot ukoll id-dispożizzjoni in eżami. Issa, ma jidherx kontestat illi Dolores, l-aħħar fost it-tfal ta' Maria Rosa Napolitano Souchett, li kienet tikkostitwixxi r-raba' grad, mietet fis-6 ta' Ottubru 1902 (fol. 112), u fiż-żmien li daħal in vigore l-Att XII tal-1950 il-beni kienu ġa saru liberi; għalhekk Ermelinda Decelis, li ssuċċediet f'dawk il-beni, setgħet tiddisponi minnhom liberament;

Għal dawn il-motivi;

Tiċħad it-talbiet tal-attriċi; bl-ispejjeż kontra tagħha.